# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2023**

**Numru 3**

**Rikors Numru 138/19 TA**

**James Armeni (ID 194365M) flimkien ma martu Claudia Armeni (ID 81272M) għal kull interess li jista jkollha**

**vs**

**Anne Marie Carabott**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' James Armeni u martu Claudia (l-Atturi) ppreżentat fit-13 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu ippremettew u talbu is-segwenti:-

1. "Illi l-attur James Armeni huwa l-proprjetarju tad-dar numru 60 bl-isem ta "Azalea" gewwa triq San Guzepp, San Gwann;

2. Illi l-intimata AnneMarie Carabott hija l-proprjetarja tal-fond adjacenti ghal dak ta l-atturi li jgib l-isem ta St Michaels, Triq San Guzepp/Triq il-Begonja, san Gwann.

3. Illi l-istess intimata f'dawn l-ahhar xhur bdiet tizviluppa l-imsemmija proprjeta taghha billi esekwiet xogholijiet ta demolizzjoni u kostruzzjoni ta blokka gdida ta diversi sulari;

4. Illi fil-kors tax-xogholijiet esekwiti fil-proprjeta tal-intimata, gew kawzati u ghadhom qed jigu kawzati hsarat u danni ta natura sostanzjali fl-imsemmi fond residenzjali tal-atturi u dana kif ghandu jirrizulta minn diversi rapporti peritali sew dak ta fiducja ta l-istess atturi u kif ukoll kif setgha jigi konstatat mill-Periti tas-socjetajiet assikuratrici nvoluti f'dan il-kaz;

5. Illi ghalkemm imsejha diversi drabi biex taghmel tajjeb ghall-istess hsarat jew biex tirrimedja l-istess, l-intimata baqghet inadempjenti;

6. Illi ghalhekk l-atturi ma kellhomx trieq ohra hlief dik li jistitwixxu l-odjerni proceduri;

7. Illi l-fatti li jifformaw parti mill-premessi huma maghrufa personalment lill-attur dikjarant.

Ghaldaqstant l-esponenti konjugi Armeni qed jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-intimata hija responsabbli ghad-danni u hsarat kawzati u li ghad qed jigu kawzati fil-proprjeta tal-atturi;

2. Tidentifika u tillikwida l-valur tal-istess hsarat u danni okkorrendo permezz tan-nomina ta periti teknici;

3. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata 11 ta Settembru 2018 kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Anne Marie Carabott (il-konvenuta) preżentata fil-5 ta' April 2019 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:-

1. "Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

2. Illi preliminarjament hu sottomess li l-esponenti ma hijiex il-leġittima kontradittriċi peress ma hijiex propjetarja tal-fond adjeċenti għal dak tal-atturi u ċioe dak ta' St Michael's, Triq San Ġużepp/Triq il-Begonja,

San Ġwann. Għaldaqstant l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tal-atturi huma nfondati stante inter alia illi l-esponenti ma hi bl-ebda mod responsabbli għall-allegati danni fil-propjeta' tal-atturi;

4. Illi fi kwalunkwe każ iżda dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi għandhom jippruvaw id-danni illi qed jallegaw li saru;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi."

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Semgħet ix-xhieda fil-Kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Marzu 2023 fejn il-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** L-ilment tal-Atturi jikkonċerna ħsarat kawżati fil-fond residenzjali tagħhom li jġib l-indirizz 60 Azalea, Triq San Ġużepp, San Ġwann. Din il-ħsara feġġet fil-kors ta' xogħolijiet ta' demolizzjoni u kostruzzjoni fil-fond adjaċenti għal dak tagħhom, li jġib l-indirizz St. Michaels, Triq San Ġużepp/Triq il-Begonja, San Ġwann. Dawn ix-xogħolijiet kellhom isiru skont il-permess numru PA/04788/16 maħruġ fis-27 ta' Ġunju 2017 (a' fol 138).

**2.** Dawn ix-xogħolijiet saru minn ċertu Sammy Gatt, u/jew terzi mqabbdin minnu, fuq inkarigu tal-Konvenuta Anne Marie Carabott (ara

xhieda Perit Mark Sullivan fol 127, 212 u 213, xhieda Konvenuta a' fol 304 u xhieda Sammy Gatt a' fol 397 u 398).

**3.** Il-Konvenuta kienet assigurat ix-xogħolijiet in kwistjoni b'polza intitolata '*Contractors All Risks Insurance*'. Din il-polza inħarġet mis-soċjetá assiguratriċi Atlas Insurance wara pre-survey report (a' fol 355) datat 24 ta' Awwissu 2017 li sar mill-Perit Patrick Calleja mqabbad minnha (ara xhieda Perit Mark Sullivan a' fol 131 a tergo u 132, ara Dok MF2 a' fol 204, xhieda Konvenuta a' fol 305, xhieda Patrick Muscat a' fol 53 a tergo u 54; xhieda Perit Patrik Calleja a' fol 342).

**4.** Qabel ma bdew dawn ix-xogħolijiet, ġew imħejjija *method statement* u *condition report*, it-tnejn datati 18 ta' Settembru 2017. Dawn saru a tenur tal-Avviż Legali 72 tal-2013 li dak iż-żmien kien jirregola l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetá ta' Terzi Persuni.

**5.** Il-condition report tħejja mill-Perit Mark Sullivan imqabbad mill-Konvenuta, wara li spezzjona l-fond tal-Atturi fil-preżenza tagħhom u tal-perit Adrian Mangion imqabbad minnhom. F'dan ir-rapport, il-perit Sullivan indika numru ta' difetti minuri li kkonstata fil-fond tal-Atturi. Dan ir-rapport kien ukoll intbagħat lill-Attur u kif ukoll kien aċċettat mill-Perit tiegħu Adrian Mangion (ara rapport a' fol 155; xhieda attur fol 16 et seq; xhieda Perit Mark Sullivan' fol 131, 132 a tergo, 133, 210 a tergo sa 212; xhieda Perit Adrian Mangion a' fol 85 u 86).

**6.** Il-*method statement* tħejja mill-Perit Mark Arrigo li ġie mqabbad mill-Perit Mark Sullivan, jiġifieri il-perit tal-Konvenuta (ara rapport a' fol 165 u xhieda Perit Mark Sullivan a' fol 131 a tergo, 132 u 221 a tergo). Fih ġie indikat dak kollu rikjest mir-regolament 9 tal-Avviż Legali imsemmi fir-rigward ta' kif għandhom jiġu eżegwiti x-xogħolijiet.

**7.** Il-ħsarat lamentati b'din l-azzjoni jinkludu b'mod partikolari dawk kaġonati f'inċident li seħħ fit-3 ta' Novembru 2017, meta kienet għadha kif intemmet l-ewwel fażi tal-Kostruzzjoni (id-demolizzjoni). Dan l-inċident ġie kawżat meta l-operatur tal-*hand operated crane* laqat 'bi żball' bl-għonq tal-istess crane il-ħajt tal-appoġġ tal-partijiet. Konsegwenza ta' dan l-inċident, kienu waqgħu tlett filati ta' fuq nett minn dan il-ħajt (ħmistax il-ċangun) ġol-proprjetá tal-Atturi, preċiżament mad-dawra tal-pixxina u fil-basement level. Iċ-ċnaġen li waqgħu kkaġonaw ħsara fil-proprjetá tal-Atturi, prinċipalment fil-madum (ara xhieda Attur a' fol 16 et seq; xhieda tal-istess Perit Adrian Mangion a' fol 81 et seq; u xhieda Perit Mark Sullivan a' fol 128 a tergo, 129, 133 a tergo, 134, 135 213 a tergo et seq).

**8.** Tħejjew diverżi rapporti ta' dan l-inċident kemm minn naħa tal-perit Adrian Muscat mqabbad ex parte mill-Atturi datati 19 ta' Awwissu 2018 (a' fol 88) u 21 ta' Ġunju 2019 (a' fol 96), kif ukoll mill-perit Mark Sullivan mqabbad ex parte mill-Konvenuta datat 31 ta' Mejju 2019 [recte 2018] (a' fol 168), inkluż ukoll rapporti ta' Patrick Muscat datati 3 ta' Marzu 2018 (fol 35) u 5 ta' April 2018 (fol 283), il-*loss assessor* li ġie mqabbad mill-Attur biex jivvaluta d-danni (a' fol 35).

**9.** Il-Perit Mark Sullivan għadda r-rapport tiegħu lill-Konvenuta li minn naħa tagħha għaddietu lill-kumpannija assikuratriċi tagħha, jiġifieri Atlas, meta fetħet il-claim magħha fuq dan l-inċident. L-istess kumpannija assiguratriċi inkarigat lil Perit Patrick Calleja sabiex ukoll iħejji rapport fuq dan l-inċident. F'Marzu 2018, l-Kumpannija assiguratriċi Atlas inkarigat ukoll *loss adjuster*, is-Sur Gaston Degiovanni, sabiex jikkwantifika l-ħsara li hemm.

**10.** Il-Perit Patrick Calleja mqabbad mill-kumpannija Atlas ħejja r-rapport tiegħu datat 5 ta April 2018 (a' fol 364). Dan ir-rapport ma kienx jinkludi ħsarat interni billi dawn ma kienux koperti bil-polza. F'dan ir-rapport ġie wkoll rikonoxxut li t-tort tal-inċident kien tal-kuntrattur (ara xhieda Perit Patrick Calleja a' fol 344 u 351 a tergo). Il-Konvenuta stess irrikonoxxiet dan fix-xhieda tagħha (a' fol 307). Il-partijiet iżda ma qablux fuq l-ammont ta' danni li għandu jitħallas lill-Atturi.

**11.** Fil-fatt, wara li spezzjona l-fond u ra r-rapporti li tħejjew fuq dan l-inċident, is-Sur Gaston Farrugia għamel stima tal-ħsarat li fl-opinjoni tiegħu huma koperti bil-polza tal-Konvenuta u bgħatha lil Patrick Muscat, *il-loss assessor* imqabbad mill-Atturi. Din iżda ma ġietx aċċetta mill-istess Patrick Muscat fuq ir-raġuni li fl-opinjoni tiegħu kienet baxxa (ara e-mail datata 24 ta' Mejju 2018 mibgħuta mill-*loss adjuster* Gaston Degiovanni mqabbad mill-kumpannija Atlas lill-*loss assessor* Patrick Muscat imqabbad mill-Atturi u e-mail risponsiva mill-istess Patrick Muscat datata 20 ta' Lulju 2018 (Ara a' fol 285 a' u fol 58).

**12.** Is-Sur Gaston Farrugia informa b'dan lil-kumpannija assiguratriċi Atlas u, wara li reġgħu marru fuq is-sit, u ġew ukoll evalwati condition report imħejji mill-Perit tal-Attur Adrian Mangion datat 19 ta' Awwissu 2018 u anke sar rapport ieħor mill-Perit Patrick Calleja, mqabbad mis-soċjetá assiguratriċi Atlas, datat 1 ta' Novembru 2018 saru xi reviżjonijiet u ġiet magħmula offerta oħra fis-17 ta' Diċembru 2018 (ara a' fol 292 , 296 u e-mail a' fol 288). Il-Kumpannija sussegwentement tat l-aħħar offerta tagħha bbażata fuq l-ammonti indikati fir-rapport preżentat fid-9 ta' Marzu 2021 (a' fol 231) mħejji mill-Perit imqabbad mill-Qorti f'dawn il-proċeduri, jiġifieri l-perit Nicholas Mallia (ara xhieda Perit Mark Sullivan 217, 220 u 221; xhieda Konvenuta a' fol 308; xhieda Gaston Degiovanni a' fol 267 et seq; xhieda Perit Patrick Calleja a' fol 342).

**13.** Wara dan l-inċident, ix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni baqgħu għaddejjin. It-tieni fażi (l-iskavar) bdiet ft-3 ta' Novembru 2017 u baqgħet għaddejja sat-8 ta' Frar 2018. It-tielet fażi ta' dawn ix-xogħolijiet (il-bini), bdiet fis-27 ta' April 2018 u tlestiet fi Jannar/Frar tas-sena 2020. Matul din il-fażi, l-Atturi lmentaw fuq xi danni li ġew kkawżati fil-fond tagħhom (ara xhieda Perit Mark Sullivan a' fol 218 u 219).

**14.** L-Atturi bagħtu lill-Konvenuta ittra bonarja datata 26 ta' April 2018 u anke preżentaw ittra uffiċċjali fil-11 ta' Settembru 2018 fejn intimawha tħallas lilhom id-danni subiti konsegwenza ta' xogħolijiet ta' eskavazzjoni esegwieti fil-post adjaċenti (a' fol 46 u 47). Wara li l-Konvenuta baqgħet inadempjenti, l-Atturi istitwew din l-azzjoni u qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara

lill-konvenuta responsabbli għad-danni u ħsarat kawżati u li għad qed jiġu kawżati fil-proprjetá tagħhom.

**Punti ta' Liġi**

**15.** L-azzjoni odjerna ttentata mill-Atturi hi għalhekk bbażata fuq il-kunċett ta' culpa in eligendo, ossia *vicarious liability* taħt l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jipprovdi li "*Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna* ***mhux ta' ħila****, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna,* ***minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha****, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi*".

**16.** Dan l-artikolu huwa mfassal fuq il-prinċipju li "*l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skont l-artikolu 1037 tal-Kapitolu 16. Illi fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza "Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija" (A.C. (HH) l-1 ta' Marzu 1988) fejn inghad li:* ***"kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghmel dannu lill-haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi****"* (Sentenza fl-ismijiet **Marie Louise Bajada -vs- Therese Xuereb et**, **Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri], 30 ta' Settembru 2015**).

**17.** Di piu' **"***il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabilta' ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Grech -vs- Kummisaarju tal-Pulizija deċiża mill-Prim Awla fl-1 ta' Marzu 1988** u dik **fl-ismijiet ta' Gauci -vs- Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma et, deċiża il-Qorti, Sede Inferjuri fit-30 ta' Novembru, 2010**).

**18.** Dan il-prinċipju huwa maħsub sabiex min jinkariga terzi jesegwixxi xogħolijiet fl-interess tiegħu ma jaħrabx mir-responsabbilita' tiegħu li jwieġeb u jagħmel tajjeb għall-ħsara subita minn oħrajn għaliex wara kollox ix-xogħol ikun sar a beneficcju ta' min ikun ta l-inkarigu.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**19.** Il-konvenuta laqgħet għat-talba tal-Atturi bl-eċċezzjoni li ma hijiex il-leġittima Kontradittriċi għax ma hijiex proprjetarja tal-fond adjaċenti. Dan peress li, skont kuntratt preżentat minnha datat 30 ta' Settembru 1988, il-proprjetá in kwistjoni ġiet akkwistata mill-kumpannija St. Michael School Company Limited li tagħha l-Konvenuta hija direttriċi (ara a'fol 312 u xhieda Konvenuta a' fol 300). Pero' madanakollu jirriżulta b'mod paċifiku u inkontestat li x-xogħolijiet fil-proprjetá adjaċenti dik tal-Atturi, saru fuq inkarigu tal-Konvenuta fil-kwalitá personali tagħha.

**20.** In sostenn ta' dan il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti provi:

**21.** Iż-żewġ permessi tal-Mepa qegħdin fuq il-konvenuta. L-insurance infurmaw lill-Attur li kienu qed jirrapresentaw lill-konvenuta u ma semmew

ebda kumpanija (xhieda Attur a' fol 21 u22 tergo). Fir-rapport tal-Perit Mark Arrigo inkarigat mill-Perit tal-konvenuta, bħala Developers huma indikati Mr. & Mrs Carabott (a' fol 32 u 165).

**22.** Mir-ritratt tas-Site Notice tal-Mepa fir-rigward tal-permess PA/04788/16 jidher li dan sar "*on behalf of Anne Marie Carabott*" (Ara a' fol 49, 50 u 116). Ix-xhud Patrick Muscat assessur tal-claims jgħid li *"Atlas Insurance kienet qed tirrapresenta bl-understanding tieghi lil Mrs Carabott li kienet id-developer jew l-*owner *tal-propjeta'*." (a' fol 54 ara ukoll a' fol 59 ittra datata 25 ta' April 2018 ta' iffirmata minn Gaston Farrugia u dik a' fol 62. Ara ukoll dokument MF2 a' fol 204).

**23.** Il-method Statement tal-Perit Mark Arrigo jerga' jindika lill-konvenuta u lil żewġha bħala d-developers (a' fol 680). Martin Farrugia, Assistent Direttur fil-Building Regulation Office jikkonferma li l-konvenuta kienet l-applikanti tal-iżvillupp u li l-korrispondenza skambjata fuq il-garanzija li kellha tinġieb dejjem kienet mal-konvenuta (a' fol 109 tergo u a' fol 114 ara ukoll xhieda tieghu a' fol 122 u kif ukoll ta' Michael Ferry a' fol 195). Il-garanzija mitluba mid-Dipartiment ħarġet fuq ordni tal-konvenuta (ara dokument a' fol 124 sa fol 125 tergo) filwaqt li l-Perit Mark Sullivan jgħid ċar u tond li l-klijenta tiegħu kienet Anne Marie Carabott u żewġha (a fol 127 fol 132). Aktar minn hekk, mill-kopja tal-permessi esebiti jirriżulta ċarissimu li l-konvenuta kienet l-applikanti (a' fol 138).

**24.** Il-Qorti tista' tibqa' issemmi fatti oħra li jindikaw b'univoku r-rabta tal-konvenuta mal-inkarigu mogħti lill-kuntrattur u vinkolu li jesisti bejn il-

konvenuta u x-xogħolijiet imsemmija indipendentement minn min hu propjetarju tal-propjeta' adjacenti ma' dik tal-Atturi u fejn saru ix-xogħolijiet. Fis-**Sentenza fl-ismijiet Alex Camilleri et noe -vs- Silvio Camilleri et [Appell Superjuri] deċiża fis-6 ta' Mejju 2005** ġie sewwa insenjat li f'ċirkostanzi bħal dawn, hija dik il-persuna li tippresenta lilha innifisha bħala d-developer li għandha twieġeb u mhux il-propjetarju, partikularment fejn il-konvenut jinsisti li mhux il-leġittimu kontradittur. Din is-sentenza li kienet tirrigwarda il-bini ta' ċint il-Qorti qalet hekk:

*"…in-ness ta' responsabilita` bejn kawza u effett mhijiex marbuta necessarjament mal-proprjeta` ta' l-art jew ta' dan ic-cint, imma ma' kien responsabbli biex effettivament jinbena tali hajt".*

**25.** Fl-aħħar nett, il-Qorti ma tqiesx li huwa sewwa li jingħataw eċċezzjonijiet bħal din ix-xorta u ma jingħadx minn skont il-konvenut huwa l-leġittimu kontradittur, dejjem sakemm ikun jaf, kif fil-fatt huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Huwa minnu li bħala regola min jagħmel il-Kawża irid jipprova, imma meta tingħata eċċezzjoni b'dan il-mod huwa d-dmir tal-konvenut li jindika mill-bidu tal-Kawża min skont hu huwa l-leġittimu kontradittur, apparti ukoll li għandu l-obbligu li jekk jidhirlu jsejjaħlu fil-Kawża.

**26.** Il-Qorti sejra għalhekk tiċħad din it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Konvenuta.

**27.** Permezz tat-tielet eċċezzjoni, il-Konvenuta tiċħad ir-responsabbilitá għall-allegati danni fil-proprjetá tal-Atturi. Fin-nota tagħha a' fol 446 para 4.1.16 sa 4.1.18, hija tissottometti bħala raġuni wara din l-eċċezzjoni l-fatt "*li kwalunkwe ħasarat li setgħu ġew inkorsi kienu unikament minħabba aġir tal-kuntrattur, jew sub-kuntrattur, u mhux tal-konvenuta nfisha.*" Dan qaluh b' mod anqas indikattiv fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, prassi li ma tgħin xejn l-anqas lill-konvenut. Ma huwa sewwa xejn li eċċezzjoni bħal din tiġi amplifikata f'nota ta' osservazzjonijiet għaliex l-amplifikazzjoni tagħha għandha tkun mill-bidu nett tal-Kawża.

**28.** Ai fini tal-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, dak li jrid jiġi pruvat sabiex jitqies jekk il-Konvenuta hijiex jew le responsabbli għal ħsara kawżata m'huwiex jekk din ġietx kawżata minnha iżda jekk din ġietx kawżata minn persuna mqabbda minnha li ma hiex ta' ħila jew ma jkollhiex raġun taħseb li hi ta ħila.

**29.** Kif ġie tajjeb rilevat, *għall-applikazzjoni tal-kunċett tal-*culpa in eligendo*, huwa biżżejjed li jiġi ppruvat li l-impjegat ossia l-kuntrattur, ma kienx ta' ħila. L-Artikolu 1037 ... jinstab fil-parti tal-Kodiċi Ċivili intitolata* "Fuq id-Delitti u Kważi-Delitti" *u jitkellem dwar ir-responsabilità ta' min iqabbad persuna mhux ta' ħila. Fin-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali bejn id-danneġġjat u d-danneġġjant, il-prinċipju hu li d-danneġġjat jista' jfittex kemm lill-persuni li għamlu x-xogħol jew ikkawżaw materjalment id-dannu bl-atti jew nuqqasijiet u bl-operat tagħhom, kif ukoll il-persuni li impjegaw lill-istess addetti u dan bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1032*

*sa 1038 tal-Kodiċi Ċivili, fuq ċitati. L-azzjoni kontra wieħed ma teskludix l-azzjoni kontra l-ieħor, purche' id-danni akkordati lid-danneġġjat jibqgħu dejjem fil-parametri ta' dak provdut fl-Artikoli 1045 et seq tal-Kap. 16.*

*Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Jannar, 2002 fil-kawża fl-ismijiet* ***Nicholas sive Lino Debono vs Kummissarju tal-Pulizija et****, ingħad hekk dwar l-Artikolu 1037 tal-Kap. 16:-*

*"Biex jiġi invokat dan l-artikolu ta' dak li l-Ingliżi jsejħu 'vicarious liability', il-liġi trid li jkun hemm: (1) ir-relazzjoni ta' employer/employee; (2) culpa in eligendo; (3) l-att tal-impjegat li jikkawża danni lil terzi; u (4) id-danni jkunu riżultat tal-inkompetenza tal-impjegat. Għall-fini tal-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu hu biżżejjed li jiġi pruvat li l-impjegat kien inkompetenti jew li l-employer ma kellux raġun jaħseb li l-impjegat hu ta' ħila. Waħda mill-ipoteżijiet hija biżżejjed.*" (Ara Sentenza fl-ismijiet **Ronald Carbonaro et -vs- Carmel Muscat et**, **Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] 12 ta' Ottubru 2022**).

**30.** Fi kwalunkwe każ u kif ġie kemm il-darba ritenut, *"Il-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza."*' (**Anthony Fenech nomine vs Paul Gauci**, **Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 21 ta' Frar 1994**).

**31.** Il-**Qorti Ċivili Prim' Awla fis-sentenza Richard Fenech vs Rook Construction Limited datata 3 ta' Ottubru 2003** bl-istess mod irrilevat li "*Lanqas ma jista' imbaghad jigi accettat illi l-konvenuti ghandhom jigu eskulpati ghas-semplici fatt li jaddebitaw htija fuq it-terz, li huma*

*ghogobhom ma jsejhux fil-kawza*" (Ara ukoll **Sentenza fl-ismijiet Victor Camilleri proprio et nomine et –vs- Nazzareno Cutajar et", Appell Ċivili, 9 ta' Diċembru 1968***).*

**32.** F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel ukoll is-segwenti osservazzjoni: meta l-konvenut jinvoka l-ħtija it-terz li jkun magħruf għalih, huwa għandu kull interess li dan jissejjaħ fil-Kawża. Jekk ma jagħmlix hekk, ikun qiegħed iċaħħad lilu nnifsu mill-apporzjonament tar-resposnsabbilita' taħt artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili jekk dejjem ikun il-każ.

**33.** Applikat dan l-insenjament isegwi ghalhekk li jekk il-konvenuta Anne Marie Carabott riedet titfa' t-tort fuq il-kuntrattur/sub-kuntrattur, kellha titlob il-kjamat fil-kawża tiegħu. Ladarba dan ma sarx din il-persuna baqgħet *terzo ignoto* u għalhekk ebda parti mir-responsabbilitá ma tista' tintefa' fuqha (ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Emanuel Zammit noe -vs- Charles Polidano pro et noe, Qorti tal-Appell, 31 ta' Jannar 2014**).

**34.** Il-Qorti sejra għal dawn ir-raġunijiet, tiċħad din is-sottomissjoni tal-Konvenuta u tgħaddi biex tqis jekk ġietx pruvat mqar waħda minn dawn iż-żewġ elementi alternattivi rikjesti fl-aritkolu 1037.

**35.** Għal dak li jirrigwarda l-kriterju li għandu jiġi stabbilit biex jitqies jekk persuna hijiex ta' ħila skont dan l-artikolu, ġie rilevat li *"ghall-fini tal-prova ta' l-inkompetenza ta' l-impjegat il-Qrati taghna bhala regola rrikjedew prova ta' l-inkompetenza tieghu oggettivament u dan peress illi una volta ppruvata l-kompetenza tieghu oggettivament il-fatt li l-istess impjegat ikun negligenti f'kaz li jarreka danni lil terzi mhux bilfors li jirrendi lill-employer*

*responsabbli taht l-artikolu msemmi (Ara f'dan ir-rigward **A. Azzopardi vs G. Vaudrey** sup. cit.);*

*Il-kliem "mhux ta' hila" ossia "incompetente" gew definiti fis-sentenza in re **Gasan noe vs Vella noe** (Vol.XVII.II.238) bhala li jfissru "inidoneo od infedele" u fis-sentenza l-ohra sup. cit. in re **Azzopardi vs Vaudrey noe** bhala li jfissru "incapace od inidoneo ';*

*Ghall-fini ta' l-alternattiva l-ohra pero, cioe' li l-employer qabbad persuna li ma kellux ragun jahseb li hija ta' hila l-kriterju uzat biex tigi stabbilita l-kompetenza o meno ta' l-impjegat hu wiehed soggettiv u jirrisolvi ruhu fid-domanda jekk l-"employer" kellux ragunijiet bizzejjed biex jikkonsidra l-impjegat li jkun bhala kompetenti (ara G. Maistrepro et noe vs D. Testaferrata Bonnici Axiak et Vol. XXI.I.361);"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Kenneth Muscat vs PC1179 Dominic Muscat et, Tribunal għal Talbiet Żgħar, 12 ta Diċembru 2002**).

**36.** Din il-Qorti isostni ukoll, li sabiex ikunu riskontrati l-elementi taħt artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, l-anqas huwa element meħtieġ x-xjenza propja da parti ta' min jagħti l-inkarigu, dwar idonejita' jew kompetenza ta' min ikun ġie inkarigat. Jista' jagħti l-każ li persuna inkarigata biex tesegwixxi x-xogħolijiet f'sens ġenerali hija kompetenti, iżda turi inkompetenza f'xi inkarigu partikulari li jirreka danni lit-terz.

**37.** Skont din il-Qorti min jinkariga, xorta jibqa' reponsabbli abbażi tal-artikolu fuq citat. Din ix-xorta ta' responsabbilita' hija meħtiega biex l-attur ma jimbarkax fuq xi spedizzjoni ta' riċerki dwar min materjalment wettaq ix-

xogħol meta jaf huwa lill-benefiċċjarju ta' dak ix-xogħol u li jkun ta l-inkarigu. Jekk dan tal-aħħar jiġi misjub responsabbli għal danni kawżati minn kuntrattur minnu inkarigat, dan dejjem ser jibqgħalu d-dritt tar-rivalsa kontra l-kuntrattur għall-ħlas li jkun għamel b'konsegwneza tad-danni sofferti mit-terz.

**38.** Kif joħroġ ampju mill-fatti senjalati supra, huwa inkonstestat anzi ammess minn kullħadd involut, inkluż il-periti tekniċi mqabbdin mill-partijiet, li l-inċident tat-3 ta' Novembru 2017 seħħ frott ta' nuqqas da parti tal-Kuntrattur/sub-kuntrattur. Ergo, abbażi tat-tagħlim u osservazzjoni magħmula xorta trid twieġeb għalih il-konvenuta.

**39.** Fir-rigward tal-bqija tad-danni lamentati, l-Atturi jippremettu li dawn ġew kaġonati minħabba li x-xogħolijiet ma ġewx eżegwiti skont il-*method statament* datat 18 ta' Awwissu 2017 a tenur tal-Avviż legali 72/2013. B'mod partikolari, l-Atturi jinsistu li t-tqattigħ sar bil-*jigger* u mhux bis-sega hekk kif kellu jsir skont l-istess *statement* (ara fol 32). Dan ikkawża ħafna vibrazzjonijiet li kkawżaw id-danni minnhom sofferti (ara xhieda James Armeni a' fol 184; ritratti u filmati fil-pendrive a' fol 185 u dawk preżentati a' fol 186 sa 188).

**40.** Hekk kif jiddisponi r-regolament 11 tal-A.L. 72/2013, il-manager tas-sit, kuntrattur u subkuntrattur, għandhom jiżguraw li x-xogħlijiet jiġu esegwiti skont id-dispożizzjonijiet indikati fil-*method statement* (dikjarazzjoni tal-metodu). Mhux biss, iżda a tenur tar-regolament 21, l-

iżviluppatur għandu jieħu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex jiżgura li l-attivitá ta' kostruzzjoni ma tirriżultax fi ħsara lil proprjetajiet kontigwi.

**41.** La l-perit u l-anqas il-kuntrattur imqabbad mill-Konvenuta ma wrew jew b'xi mod ippruvaw, li l-kostruzzjoni tal-fond adjaċenti saret in osservanza ma' dak kontenut fil-*method statement* u li ttieħdu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex ma tirriżultax ħsara lill-proprjetajiet adjaċenti, f'dan il-każ tal-Atturi. L-inċident tat-3 ta' Novembru 2017, u l-fatt li ntuża l-*jigger* u mhux is-sega, skont kif kien rikjest fl-istess *statement*, juru mod ieħor u ċioè, li l-*method statement* ma ġiex osservat u li prekawzjonijiet ma ttieħdux. Dan in-nuqqas jikkostitwixxi prova oġġettiva ta' inkompetenza minn naħa tal-kuntrattur imqabbad mill-Konvenuta. Din l-inkompetenza ċertament tirrendi l-Konvenuta responsabbli għad-danni rekati fil-fond tal-Atturi a tenur tal-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili.

**42.** B'mod soġġettiv il-Qorti tqis ukoll li l-Konvenuta naqset, meta qabel ma ħatret il-kuntrattur, ma ratx li dan huwa kompetenti biżżejjed u li kapaċi jimxi skont il-*method statement* u jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex tiġi kemm jista' jkun ikkontrollata l-ħsara fil-fond adjaċenti proprjetá tal-Atturi. Intqal li "*a responsabilità dell'appaltatore <u>può aggiungersi, ma mai elidere la responsabilità del committente</u>", del tutto prescindendo dall'accertamento che quest'ultimo, avendo in forza del contratto di appalto la possibilità di impartire prescrizioni nell'esecuzione dei lavori o di intervenire per chiedere il rispetto della normativa di sicurezza, se ne sia avvalso per imporre particolari modalità di esecuzione dei lavori o*

*particolari accorgimenti antinfortunistici che siano stati causa (diretta o indiretta) del sinistro, la corte di merito*" (Emfażi tal-Qorti. Ara **Qorti ta' Cassazioni Taljana , Sez. 3, Sentenza n. 538 del 17/01/2012**)

**43.** Għaldaqstant, meħud in konsiderazzjoni l-artikolu 1037 tal-Kodici Ċivili flimkien mal-ġurisprudenza kwotata u l-fatti tal-każ odjern, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta taħti għad-danni kkawżati mill-kuntrattur/subkuntrattur jew ħaddiema oħra mqabbdin minnha fil-fond adjaċenti dak tal-Atturi.

**Likwidazzjoni Danni**

**44.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegħ futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**45.** Fir-rigward ta' damnum emergens, il-partijiet fil-kawża preżentaw numru ta' rapporti ta' periti ex parte (ara fatti suesposti). Dawn ġew evalwati mill-perit imqabbad mill-Qorti Nicholas Mallia (a' fol 231).

**46.** Fin-nota tagħhom (a' fol 430), l-Atturi jissottomettu li ma jaqblux għal kollox mar-rapport peritali tal-espert maħtur mill-Qorti "*peress illi teżisti varjanza sostanzjali kemm bħala entita u kif ukoll valutazzjoni li wasal għaliha l-istess perit tal-Qorti u dik tal-perit Mangion*" imqabbad minnhom ex parte (a' fol 430). Fil-paragrafu 9 tal-istess nota, l-Atturi jelenkaw min a

sa q x'inhuma l-kostatazzjonijiet tal-espert tal-Qorti li huma ma jaqblux magħhom. Il-Qorti sejra tqishom waħda waħda kif ġej:

a. L-infiltrar ta' l-ilma fil-kċina: l-ipoteżi tal-Atturi ma ġietx minnhom pruvata, anzi kontestata mill-espert tekniku fuq ir-raġuni li "*mis-sadid li ġie osservat fix-xibka tas-saqaf tal-kċina ta taħt il-pool, l-esponent jikkonsidra li dan is-saqaf ilu snin twal espost għall-ilma, bi probabilta kbira li ilu żmien ferm itwal min dak li għadda mid-data tal-inċident sad-data ta' l-aċċess. Għall din ir-raġuni l-esponent jikkonkludi li d-dħul tal-ilma f'dik il-kċina hu difett li kien ġia jeżisti min qabel ma waqa' il-ħajt.*" (ara fol 260). Hi dottrina elementari u magħrufa fil-ġurisprudenza tagħna li "*min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti*" (**Kollez.** Vol. XXX. I. 142). "*Fi kliem iehor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz" ("***John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine***", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960. Ara wkoll "***Paul Debono -vs- Malta Drydocks***", Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' April, 2005;*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Martin Paul u Connie konjugi Vella -vs- Chris Micallef, Qorti ta l-Appell (Inferjuri), 6 ta' Ottubru, 2010**). Konsonanti mal-prinċipju li min jallega irid jipprova, il-konvenuta ma ġabet ebda prova fattwali in sostenn ta' dan. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' prova mod ieħor, il-Qorti sejra tistrieħ fuq dak konstatat mill-

Perit u tikkonkludi li l-perkolazzjoni tal-ilma fil-kċina ma hiex konsegwenza diretta tal-inċident tat-3 ta' Novembru 2017.

b. Ġustifikazzjoni tal-Atturi li ma jsirux xogħol rimedjali qabel l-ispezzjoni tal-espert tekniku maħtur mill-Qorti: Il-konsiderazzjoni tal-espert "*li hemm obbligu min naħa tal-partijiet li ssir dak li huwa possibli biex il-ħsarat jew danni ma jkomplux jaggravaw biż-żmien*" hija konsonanti ma' dak mgħallem fil-ġurisprudenza nostrali li "*Il-prinċipji ġenerali regolanti materja tar-riżarċiment tad-danni, kompriż għalhekk id-deprezzament, hi di regola li d-danneġġjat għandu dritt jikkonsegwixxi riżarċiment li jirrintegra l-patrimonju tiegħu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuż u għalhekk f'każ ta' riżarċiment par equivalens għandu jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur tal-unitajiet mitlufa.*

*Naturalment din ir-regola tar-restitutio in integrum hi kwalifikata minn regola oħra li timponi fuq l-attur <u>id-dmir li jieħu l-miżuri kollha raġonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab bħala konsegwenza tal-fatt illeċitu, b'mod li jista' jiġi eskluż, fil-każijiet kongruwi, mir-riżarċiment ta' dik il-parti tad-danni dovuta għan-nuqqas tiegħu li jieħu dawk il-passi.</u>*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Michael Camilleri -vs- Joseph Saliba, Qorti Ċivili Prim' Awla, 28 ta' Marzu 2003**). Ikkunsidrat dan l-insenjament, il-Qorti sejra toqogħod fuq dak kostatat mill-perit imqabbad minnha rigward in-nuqqas tal-Atturi mid-dmir tagħhom li ma jħallux id-danni lilhom kaġonati milli jkomplu jaggravaw biż-żmien.

c. Il-grif fil-poġġaman: ma hemm l-ebda ritratt, lanqas dawk sottomessi fir-rapporti tal-perit imqabbad ex parte mill-Atturi (a' fol 88 u 96) li juru dan il-grif prospettat minnhom. Il-Qorti sejra għalhekk toqgħod fuq dak osservat mill-perit imqabbad minnha fuq din il-kwistjoni (ara eskussjoni a' fol 261).

d. Il-qbil tal-perit tekniku mad-domanda numru 4.4: Għall-Qorti, il-qbil tal-Perit ma din id-domanda twassal għal konklużjoni li tali ħsara ġiet fil-fatt minnu kostata u allura evalwata fil-kalkolu tad-danni minnu raġġunt. Ma hemm xejn fl-atti li juru li din il-ħsara ma ġietx meqjusa mill-espert tekniku. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni mod ieħor il-Qorti sejra għaldaqstant tqis li din ġiet hekk minnu meqjusa fir-rapport tiegħu.

e. L-aġġustament fil-valur tal-light fittings: il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni u sejra żżid l-ammont biex jinkludi l-prezz ta' erba light fittings u mhux waħda biss.

f. Is-sottomissjoni tal-Atturi kontestata mill-perit li l-pixxina bdiet tagħmel l-ilma konsegwenza tal-inċident: L-espert tal-Qorti ikkonkluda, għal raġunijiet minnu sottomessi fir-rapport u fit-tweġibiet tiegħu in eskussjoni, li l-Atturi ma ppruvawx dan in-ness neċessarju bejn l-azzjoni u l-effett dannuż fuq bilanċ ta' probabbilitajiet. F'punt tekniku bħal dan , il-Qorti ma' ssibx raġuni għalfejn għandha tiddiskosta ruħha minn din il-konsiderazzjoni minnu raġġunta.

g. Ħsara fil-fekruna: L-Atturi jissottomettu li din il-ħsara tinsab ammessa u inkluża fir-rapport tal-assikurazzjoni tal-Konvenuta. Il-Perit iżda ddikjara li ma sabx referenza għal din il-ħsara f'dan ir-rapport (a' fol 35). Fuq din it-tweġiba l-Atturi naqsu milli jiċċitaw jew tal-inqas jindikaw biċ-ċar dik il-parti

fejn skonthom tagħmel referenza għal din il-ħsara. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni, l-Qorti se tistrieħ fuq dak kkunsidrat mill-Perit maħtur minnu.

h. Il-ħsara li saret fit-Troll għandha tinkludi ix-xogħol tal-ġebla: l-espert ikkonstata li ma rax ġebel maqlugħ, "*Rajt konsenutri imma ġebel maqlugħ ma rajtx*" (fol 417). Ma huwiex għalhekk il-każ li għandu jiġi inkluż ix-xogħol tal-ġebla.

i. Konklużjoni tal-espert tekniku li l-Konvenuta ma taħtix għal ħsara fil-washroom: Kif ġie sollevat mill-espert tekniku, in-ness neċċessarju tal-event dannuż mal-fatt kolpuż ma ġiex pruvat mill-Atturi, lanqas fir-rapport tal-perit ex parte imqabbad minnhom. Il-Qorti sejra għaldaqstant u bl-istess mod tiskarta din is-sottomissjoni tal-Atturi.

j. Nuqqas ta' stima tal-ixkatlar rigward il-ħsara fil-garage: l-espert tekniku ma inkludiex l-ixkatlar fid-danni minnu kalkolati minħabba li "*l-ilma u l-ħsara li hemm huwa kaġun ta' ilma li ilu ġej ħafna. Ma kienx konsegwenza ta' ħsarat tal-inċident* ..." (ara eskussjoni a' fol 417). Jerġa jiġi ribadit li kien sta għall-Atturi li jippruvaw in-ness neċessarju bejn l-azzjoni u l-effett dannuż. Fin-nuqqas ta' din il-prova u fid-dawl tal-konkluzjoni teknika l-Qorti sejra toqgħod fuq dak kostatat mill-Perit.

k. Nuqqas ta' spjegazzjoni fuq l-istima tal-pool tiles: l-ispjegazzjoni ingħatat waqt l-eskussjoni kif ġej – "*l-esponent kejjel min fuq ir-ritratti mil-ajru, il-perimitru tal-pixxina u s-superfiċi tad-deck, dawn huma preċisi għal madwar 95%. Ġiet miżjuda kontigenza ta' 10% biex tpatti għal xi varjanza żgħira fil-kejl.*"(fol 262 para 15) Il-Qorti sejra għalhekk tistrieħ fuq l-istima tal-perit kkalkulata abbażi ta' dak minnu kostatat fir-ritratti tal-ajru.

l. L-osservazzjoni tal-Perit Tekniku dwar il-waterproofing ma hi sorretta minn ebda prova: kif ġia ribadit, il-liġi titfa' l-obbligu fuq l-Atturi u mhux fuq l-espert tekniku li jipprovaw li l-ħsara fil-vinyl kien konsegwenza tal-inċident. L-espert tekniku ikkonkluda li l-ħsara fil-vinyl ma kienx konsegwenza tal-inċident iżda ta' difett li kien diġa jeżisti. Dan għaliex ma rax tiċriet fil-vinyl (ara fol 418). Fin-nuqqas ta' prova mod ieħor, il-Qorti sejra toqgħod fuq dak konkluż mill-espert tekniku.

m. Nuqqas ta' stima għal re-spraying tal-istess stairs meta dawn kienu nklużi fir-rapport tal-assikurazzjoni: Fin-nuqqas tal-Atturi milli jiċċitaw jew tal-inqas jindikaw biċ-ċar dik il-parti tar-rapport tal-assikurazzjoni fejn skonthom tagħmel referenza għal dan, il-Qorti se tistrieħ fuq dak kkunsidrat mill-Perit maħtur minnu.

n. Materjal u armar ma humiex inklużi fl-istima: il-perit iddikjara mod ieħor fil-para 22 tal-eskussjoni tiegħu (ara fol 263).

o. L-istima mogħtija hija konservattiva ferm: Għal din il-mistoqsija l-espert wieġeb li "*Fit-tabella (BOQ) item numru disa tirreferi għal tiswija tal-koncenturi fuq il-fil. Dan it-tip ta' xogħol jitlob kwantita' żgħira ta' materjal. Ir-rati indikati fuq it-tabella huma rati tas-suq.*" Fin-nuqqas ta' prova mod ieħor, il-Qorti sejra toqogħod fuq dak kostatat mil-perit imqabbad minnha.

p. L-istima tal-bathrooms ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li dan għandhom jinbiddlu kollha: l-espert tekniku iżda ddikjara mod ieħor: "***Dr. Raphael Fenech Adami:*** *U inti l-istima li tajt għal ħsara fil-bathroom tiles, kienet għal dawk li kienu miksura biss jew tal-bathroom kollha?* ***Xhud:*** <u>Le</u>

*jiena qed nipprincipja li ha naqilgħu il-bathroom kollha u terġa ssir*". M'għandhiex għalhekk mis-sewwa s-sottomissjoni tal-Atturi.

q. B'referenza għar-risposta għad domanda numru 25, il-perit baqa' ma żiedx il-valur ta' 'bench' u 'pot' fit-tabella għalkemm qal li hekk ser jagħmel (ara fol 264 pra 25). Il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni. Ġie ritenut li "*fin-nuqqas ta' mezzi probatorji ta' l-ammont tad-danni dan l-ammont jiġi ffissat ex aequo et bono mill-ġudikant skont id-dettami tar-raġuni u tal-kuxjenza tiegħu meta jiġi msejjaħ biex jistabilixxi l-kwantitativ tad-danni*" (**Neg. Edgar Laferla *nomine* –*vs* – Neg. Antonio Cachia *proprio et nomine***, **Qori tal-Kummerċ. 6 ta' Ġunju 1951**). Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' stima jew rapport ta' espert tekniku li jidentifika x'inhuma l-prezzijiet ta' bench u pot, il-Qorti sejra taddivjieni għal-likwidazzjoni tal-valur tagħhom in via ekwitattiva billi tillikwida *arbitrio boni viri* fis-somma ta' mija u ħamsin ewro (€150).

**47.** Isegwi għalhekk li l-valur tax-xogħolijiet reparatorji huwa ta' ħmistax-il elf erbgħa mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€15,475) (Inkluż f'dan l-ammont hemm €60 + €240 (light fitting u external light fittings li ma ġewx inklużi mill-espert tekniku) + €150 (bench u pot li kellhom ukoll jiġu nklużi mil-perit). L-ammont inkwistjoni ser ikun mizjud kif ser jingħad aktar 'l isfel.

**48.** Il-Qorti hija konsapevoli, li anke fit-taqlib li sar fl-ekonomija globali f'dawn l-aħħar snin, anke fid-dawl tal-gwerra tal-Ukrajina, il-prezzijiet ta' kull materja prima żdiedu sostanzjalment. Meta xehed il-Perit Patrick Calleja fl-1 ta' Frar 2022, inkarigat minn Atlas Insurance biex jagħmel rapport tal-ħsarat, fuq mistoqsija ta' Dr. Rapahel Fenech Adami dwar kemm għolew

ir-rati sal-jum li kien qiegħed jixhed, dan wieġeb li *give and take* il-prezzijiet għolew b'għaxra fil-mija (10%). Issa r-rapport tal-perit tal-Qorti ġie presentat fil-11 ta' Mejju 2021, kwazi sentejn ilu. Għalhekk mal-ammont li din il-Qorti ser tillikwida ser iżżid 10% għal kull sena fuq medda ta' sentejn.

**49.** Dan ifisser li l-valur globali ta' danni u ħsarat għalhekk jammontaw għal tmintax-il elf, sebgħa mija u erbgħa u għoxrin punt ħamsa u għoxrin tal-ewro (€18,724.25).

**50.** Fir-rigward ta' *Lucrum Cessans,* il-Qorti tqis li dawn ma jissussistux peress li ma hemm l-ebda telf ta' qliegh futur subit mill-Atturi konsegwenza tal-ħsara kaġonata fil-fond tagħhom.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Intimata**.

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli għad-danni u ħsarat kawżati fil-proprjetá tal-Atturi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-valur tal-istess ħsarat u danni fl-ammont ta' **tmintax-il elf, sebgħa mija u erbgħa u għoxrin punt ħamsa u għoxrin tal-ewro (€18,724.25)**.

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-atturi s-somma hekk l-ikwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv**.**

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali datata 11 ta' Settembru 2018 kontra l-konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**